MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 318/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Generoso sive Jimmy Sammut**
***... omissis ...***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Generoso sive Jimmy Sammut u *omissis* talli:

(1) f’H’Attard fil-perijodu ta’ bejn l-4 u s-17 ta’ Settembru 1999 ikkommettew serq ta’ diversi oggetti ta’ valur, fosthom pitturi, ghamara u oggetti ohra, mill-fond “Villa Fiorentina” sitwata fi Triq Sir Harry Luke, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), lok u hin u li sar ghad-detriment ta’ l-eredi tal-mejta Joseph u Lilian Grungo;

(2) fid-9 ta’ Ottubru 1999 u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Generoso sive Jimmy Sammut wahdu talli:

(3) f’Hal-Qormi, nhar-id 9 ta’ Ottubru 1999, ghall-habta tat-8.30 a.m., ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ l-Ispettur Pierre Calleja, l-Ispettur Angelo Caruana, is-Surgent 1152 Emanuel Saliba, il-Kuntistabbli 374 Noel Fabri u ufficjali ohra tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew inhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza’ jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka, ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuni ta’ l-Ispettur Pierre Calleja, l-Ispettur Angelo Caruana, is-Surgent 1152 Emanuel Saliba, il-Kuntistabbli 374 Noel Fabri u ufficjali ohra tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtoritajiet kompetenti;

(5) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

(6) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Angelo Caruana skond ma ccertifika Dr. Abela tac-centru tas-Sahha ta’ Hal-Qormi;

(7) ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell datata t-13 ta’ Marzu 1998;

(8) sar recidiv b'sentenzi tal-Qrati diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali ta' l-20 ta' Gunju 2001 li permezz taghha, wara li ra l-atti tal-kumpilazzjoni maghmulin kontra l-imsemmi Generoso sive Jimmy Sammut u *omissis*, billi dehrlu li mill-kumpilazzjoni msemmija tista' tinsab htija (jew htijiet) fil-konfront ta' l-istess Generoso sive Jimmy Sammut taht dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 280 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali;
(e) fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali;
(f) fl-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali;
(g) fl-artikoli 49, 50, 28B tal-Kodici Kriminali;

Baghat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti, fin-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imsemmi Generoso sive Jimmy Sammut, tiddeciedi fuq l-akkuza ta' dik il-htija jew htijiet;

Rat il-verbal tas-6 ta' Lulju 2001 fejn l-Avukat Dottor Michael Sciriha ghall-imsemmi Generoso sive Jimmy Sammut ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Lulju 2009 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Generoso sive Jimmy Sammut hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u minnha lliberatu, izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 334, 95(1), 96, 221, 338(ee), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija. Minbarra dan, wara li dik il-Qorti rat l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, ordnat li s-sentenza sospiza tibda ssehh u ghalhekk irid jiskonta l-piena ta' dik is-sentenza

ta’ tliet xhur prigunerija. Inoltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu jhallas is-somma ta’ hames mitt euro (€500) spejjez inkorsi fil-hatra ta’ periti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Generoso sive Jimmy Sammutipprezentat fil-31 ta’ Lulju 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tannulla d-digriet ta’ l-ewwel Qorti li bih laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni biex hija terga’ ttellghu jixhed f’seduta ohra biex taghmillu kontroezami, u tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ddikjaratu mhux hati tar-reat ta’ serq, u tannullaha, tirrevokaha u thassarha wara li takkolji l-aggravji tieghu u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-aggravji ta’ l-appellant li huma fil-qosor is-segwenti: (1) li wara rikostruzzjoni ta’ parti tal-process ma sar l-ebda verbal ta’ qbil dwar id-dokumenti li tqieghdu fil-process, u ghalhekk l-atti huma nulli u konsegwentement il-proceduri huma nulli; (2) li d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-30 ta’ Jannar 2007 li bih awtorizzat lill-prosekuzzjoni taghmel il-kontro-ezami lill-appellant f’seduta ohra huwa null u hekk ukoll il-kontro-ezami li sarlu fl-1 ta’ Gunju 2007; (3) li, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti dwar it-tieni imputazzjoni; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, hemm disparita` bejn il-piena nflitta fuqu u dik inflitta fuq il-ko-imputat l-iehor;

Rat illi fis-seduta ta’ l-24 ta’ Frar 2010, wara li li l-avukat difensur Dott. Tonio Azzopardi ha l-istruzzjonijiet minghand l-appellant, irtira l-ewwel aggravju;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Gunju 2010 li permezz taghha ddecidiet dwar it-tieni aggravju ta’ l-appellant fis-sens biss illi x-xiehda li ta l-appellant quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta ta’ l-1 ta’ Gunju 2007 sejra tigi skartata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar it-tielet u r-raba’ aggravji;

Ikkunsidrat:

It-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti, cirkostanzi u konsiderazzjonijiet legali rilevanti ghall-kaz. L-appellant jilmenta li hemm kontradizzjoni palesi fir-ragunament ta' l-ewwel Qorti meta dwar l-imputazzjoni ta' serq osservat li x-xiehda ta' Norman Zammit m'ghandhiex mis-sewwa u warrbitha, izda mbaghad strahet fuq dik ix-xiehda biex issib htija ta' ricettazzjoni. L-appellant jinsisti li l-veru hati huwa Norman Zammit. Il-film tar-ritratti li kien ha l-appellant fuq talba ta' Norman Zammit irenduh biss *accessory after the fact* u mhux hati ta' ricettazzjoni. L-oggetti misruqa kienu diga` fuq il-proprjeta` ta' Norman Zammit meta dan talab lill-appellant jiffotografahomlu. Anke jekk l-appellant indahal biex jiehu ritratti tal-pitturi misruqa biex jaghti assistenza lil Norman Zammit, b'daqshekk ma laqax ghandu jew xtara oggetti misruqa jew miksuba b'reat, u lanqas ma ndahal biex ibighhom jew imexxihom meta Norman Zammit kien diga` laqaghhom ghandu jew xtrahom biex imexxihom. L-appellant jghid li x-xiehda ta' Norman Zammit hija *suspect evidence* u ma tistax isservi bhala *sole or decisive evidence* ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija. Jghid x'jghid l-artikolu 639 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xiehda ta' Norman Zammit mhijiex tali li wahedha tista' tistrieh fuqha l-Qorti biex tasal ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta' l-appellant.

L-appellant jirreferi wkoll ghall-bran fis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti titkellem dwar ic-cavetta li nstabet ghand l-appellant u dwar kif ma qisitx veritjera l-verzjoni li ta l-appellant. L-appellant jirrimarka li din il-parti tas-sentenza fiha diversi assunzjonijiet gratuwiti. Jghid: *"Ladarba l-esponent xehed illi huwa gie mqabbad jiffotografa r-ritratti tal-pitturi u ma kien jaf xejn aktar, x'importanza ghandha l-ezistenza jew le tal-'famuza tielet cavetta'? Sija jekk kienet tezisti u sija jekk le, l-esponent xehed li mar jiffotografahom u ma kien jaf xejn aktar – rwol li indubjament ma jirrendihx kompartecipi fir-reat ta' ricettazzjoni. Dan ir-rwol la jaghmlu l-possessur u lanqas*

*il-proprjetarju tal-pittura. Dawn kienu ta' Norman Zammit, u fil-fatt, Norman Zammit fl-ebda hin ma jghid li l-imsemmija pitturi ma kinux tieghu jew li ma kinux taht il-kontroll tieghu, dment li nstabu fi hwejgu u taht il-kontroll tieghu."* L-appellant isaqsi wkoll fuq liema bazi fattwali jew legali tista' l-ewwel Qorti tghid: **"Din hi verzjoni tal-fatti li ma titwemminx."** Jirreferi ghax-xhud Anthony Cuschieri prodott minnu li xehed li kien sabu persuna u qallu li Norman Zammit ghandu l-Pulizija warajh ghaliex ghandu xi hwejjeg misruqa, u dan Cuschieri sab lil Zammit u saqsieh jekk kellux oggetti misruqa fil-proprjeta` tieghu, u Norman Zammit irrispondieh *"Le! Le! Le!"* Dan ix-xhud qal lil Norman Zammit li la ma ghandu xejn, ma ghandux biza'. Pero`, fil-fatt l-oggetti misruqa nstabu ghand Zammit fil-proprjeta` tieghu.

L-appellant jirreferi wkoll ghax-xiehda ta' l-Ispettur Angelo Caruana dwar pittura li nstabet separata mill-ohrajn f'kamra ohra. Skond l-appellant dan igib fix-xejn il-verzjoni li ta Zammit li l-pitturi kienu ta' l-appellant li ma kienx jafdah u ghalhekk kien izomm ic-cavetta hu. *"Il-verita` hi"*, jghid l-appellant, *"li c-cavetta kienet ghand l-esponent ghaliex Norman Zammit kien qabbdu jiffotografa l-pitturi."* X'kien se jaghmel Norman Zammit b'dawn ir-ritratti wara li jigu zviluppati, hu biss jista' jghid.

Fl-ahharnett l-appellant isaqsi fuq liema bazi fattwali jew legali setghet l-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni li r-rezistenza ghall-arrest manifestata bil-gidma lill-Ispettur Angelo Caruana tikkostitwixxi prova univoka **"b'mod li ma jhalli ebda dubju f'ghajn din il-Qorti li l-imputat kien jaf perfettament li dawk il-pitturi kienu misruqa u li mar jiehu r-ritratti biex ikun jista' jurihom lil xi hadd li seta' kien interessat biex jixtrihom".** Skond l-appellant, dak li tassew gara kien li l-Pulizija qabzu fuqu u wiehed minnhom qabdu b'mod li bi drieghu beda jissoffokah u meta ma setax jiehu n-nifs aktar, ghamel l-unika haga li seta' jaghmel biex jiddefendi ruhu – gidem l-id li giet quddiem halqu. *"Dan huwa att ta' self-preservation,"* jghid l-appellant, *"u hadd ma jista' jlumu illi f'cirkostanzi estremi, minghajr nifs, iddefenda ruhu kif seta'."* Ghalhekk, jinsisti l-appellant, l-ewwel Qorti ma

setghetx tibbaza l-konkluzjoni dwar l-estranejita` o meno tieghu ghar-reat ta' ricettazzjoni fuq il-fatt biss li rrezista l-arrest meta gie afferrat mill-Pulizija.

Jibda biex jinghad illi xhud jista' jitwemmen f'kollox, f'parti jew f'xejn. Mela l-ewwel Qorti setghet temmen lil Norman Zammit f'parti minn dak li xehed u f'parti ohra ma temmnux. Pero`, minn ezami akkurat tas-sentenza huwa evidenti illi l-ewwel Qorti wiznet ix-xiehda ta' Norman Zammit b'kawtela[1] u, stante li qabel kien ko-imputat ma' l-appellant, qieset li kellha tfittex cirkostanzi ohra fil-provi li kienu jsahhu dak li xehed Norman Zammit. Ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' ricettazzjoni, m'hemmx dubju li l-ewwel Qorti ma strahitx unikament fuq ix-xiehda ta' Norman Zammit.

Imbaghad, dwar il-mument ta' l-arrest tieghu, l-appellant, la fl-istqarrija tieghu u lanqas meta xehed quddiem l-ewwel Qorti fit-30 ta' Jannar 2007 ma allega li xi hin il-Pulizija kienu qeghdin jissoffokawh. Ghalhekk dak li jghid l-appellant dwar ir-raguni tal-gidma tista' titqies biss bhala allegazzjoni nfondata ghax ma hi sorretta minn ebda prova.

Issa, meta xehed fit-30 ta' Jannar 2007 l-appellant qal li m'ghandux x'jaqsam mal-pitturi, u li kull ma ghamel hadlu r-ritratti lil Norman Zammit. Qal li Norman Zammit kien qallu li xtara xi affarijiet minghand persuna u baghtithomlu max-xoghol. X'kienu ezatti dawn l-affarijiet ma kienx jaf. Huwa mar bil-*camera* tieghu jiehu r-ritratti. Ir-ritratti hadhom fuq il-bejt. Qal li m'ghandux ideja ta' pittura u lanqas jifhem fil-pittura.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi x-xiehda ta' l-appellant tant hi xotta illi lanqas qal *in so many words* li kien Norman Zammit li kien talbu jiehu r-ritratti tal-pitturi. Jigifieri l-aktar aspett li fuqu jipprova jaghmel enfazi l-appellant, fix-xiehda tieghu jhalliha biss bhala xi haga sottintiza meta jghid li *"hadlu r-ritratti lil Norman Zammit"*. Dan l-aspett imbaghad jikkontrasta ma' dak li xehed

[1] Ara art. 639(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Norman Zammit. Hu x'inhu l-kaz, mill-provi mehudin flimkien u li sejrin jigu ndikati, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-verzjoni li ta l-appellant ma kinitx titwemmen.

L-ewwelnett m'hemmx dubju li l-pitturi li kienu jinsabu fil-bini ta' Norman Zammit kienu provenjenti minn serq. M'hemmx dubju lanqas, anzi huwa ammess, illi r-ritratti ta' dawn il-pitturi hadhom l-appellant. Issa, l-appellant jipprova jimminimizza *"l-ezistenza jew le 'tal-famuza tielet cavetta'."* Izda hawn hu l-qofol ta' kollox. Meta l-Pulizija ghamlu t-tfittxija fil-bini ta' Norman Zammit u ma setghux jaccedu ghall-kamra fejn kienu jinsabu msakkrin l-maggor parti tal-pitturi – wahda kienet tinsab ghal rasha f'kamra ohra – peress illi ma sabux cavetta ghal dik il-kamra fil-pussess ta' Norman Zammit, dan Norman Zammit indika lill-Pulizija li c-cavetta kienet ghand l-appellant. Meta l-Pulizija gabu l-mazz cwievet li kellu l-appellant, fethu l-kamra bl-uzu ta' cavetta li kienet f'dak il-mazz. L-appellant isostni fir-rikors ta' appell tieghu illi c-cavetta kienet ghandu ghax Norman Zammit kien talbu jiffotografa l-pitturi. Dan huwa ferm inverosimili. Jekk Norman Zammit kien talab lill-appellant jiehu ritratti ta' pitturi li kienu fil-pussess tieghu (ta' Zammit), u fetah lill-appellant biex jidhol fil-bini ghal dan l-iskop, u baqa' fil-bini waqt it-tehid tar-ritratti, ma kien hemm ebda skop li jaghti cavetta tal-kamra fejn kienu jinsabu l-pitturi lill-appellant. Wara kollox, kieku kellu jitwemmen l-appellant, huwa wettaq dak li allegatament gie mitlub jaghmel u telaq 'il barra; ghalhekk ma kellux ghalfejn ikollu cavetta tal-kamra fil-pussess tieghu.

Di piu`, c-cavetta kienet imwahhla fil-mazz flimkien ma' cwievet ohra ta' l-appellant. U l-appellant irid illi jitwemmen illi huwa kien mar biss biex jiehu r-ritratti. Mhux ta' b'xejn li l-appellant jipprova sahansitra jdahhal dubju dwar l-ezistenza tac-cavetta. Mhux hekk biss, izda wara li l-Pulizija kienu akkompanjaw lill-appellant fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija bil-karozza tieghu, l-appellant talab ic-cwievet, dawn inghatawlu, u meta aktar tard gie mitlub biex jaghti l-mazz cwievet lill-ufficjali investigaturi, dawn sabu li c-cavetta tal-kamra fejn kienu l-pitturi ma kinitx

aktar fil-mazz. L-appellant kien b'xi mod irnexxielu jarmiha jew jahbiha. Jekk l-appellant, kif jghid hu, ma kellux x'jaqsam mal-pitturi, xi skop kien hemm li jarmi jew jahbi *"il-famuza tielet cavetta"*?

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-mod kif agixxa l-appellant meta l-Pulizija arrestawh hekk kif hareg mill-bini fejn kien mar jiehu r-ritratti. L-Ispettur Angelo Caruana xehed li waqaf hdejh, qallu li Pulizija u li ha jarrestah b'suspett ta' serq, ipprova jehodlu t-telecell biex jaghmillu tfittxija izda l-appellant l-ewwel beda jidghi mbaghad ipprova jahrab, izda l-Ispettur Caruana u pulizija ohra ppruvaw jzommuh u finalment gie mmanettjat. Li huwa interessanti hu dak li xehed P.C. 18 Christian Mifsud li x'hin nizzlu lill-appellant ma' l-art, innutalu idejh fil-but tal-qalziet tal-jeans, u zammlu idejh fil-but, harighielu bil-mod u waqa' *film* tal-*camera*. Mela, anke hawn jidher li l-appellant deher li kien qieghed jipprova jahbi u jipprotegi l-*film* li kellu fuqu. Fl-ahhar mill-ahhar jekk sehem l-appellant kien daqstant innocenti, kif jallega hu, x'raguni kien hemm li jirreagixxi b'tant vjolenza u jipprova jahrab minn fuq il-post? Forsi ried jehles minn din il-prova? U jekk Norman Zammit ried jiehu ritratti tal-pitturi, ma setax hadhom hu u ma jinvolvix persuni ohra?

Il-fatt li l-appellant kellu fil-pussess tieghu c-cavetta tal-kamra fejn kienu jinsabu l-pitturi u l-mod kif agixxa fil-mument ta' l-arrest tieghu u, aktar tard, meta rema jew heba c-cavetta, ifisser li huwa kellu access ghall-kamra fejn kienu jinsabu diversi pitturi misruqin, li allura kellu kontroll fuq il-kamra u fuq dawn il-pitturi u li kien jaf li kienu gejjin minn provenjenza kriminali. Min ikun tqabbad biex, bi pjacir, jiehu ritratti ta' xi oggetti, zgur ma jagixxix kif agixxa l-appellant. L-iskop tat-tehid tar-ritratti huwa rrilevanti. Nonostante li l-kamra kienet f'bini ta' Norman Zammit, galadarba l-appellant kellu kontroll fuq l-imsemmija kamra, allura gie li laqa' ghandu l-pitturi misruqa. Konsegwentement it-tielet aggravju huwa michud.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jilmenta li l-piena nflitta fuq il-persuna li fil-proprjeta` taghha nstabu l-

pitturi misruqa, cioe` Norman Zammit, kienet dik ta' sentenza sospiza ta' prigunerija. L-appellant, li s-sehem tieghu kien biss li jiffotografa l-pitturi u ma kien jaf xejn aktar, kienet dik ta' prigunerija effettiva.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

M'hemm l-ebda dubju li l-piena nflitta hi fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena applikabbli f'dan il-kaz dwar it-tieni imputazzjoni biss hi dik ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin skond l-artikolu 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Imbaghad jridu jizdiedu l-pieni dwar l-imputazzjonijiet l-ohra bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b)(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre li l-appellant huwa recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigifieri l-parametri tal-piena jitilghu ghal prigunerija minn tmintax-il xahar sa tnax-il sena. Il-piena nflitta fuq l-appellant hi ghalhekk kwazi fil-*minimum*.

Evidentement l-ewwel Qorti ddecidiet kif iddecidiet wara li qieset is-sehem li kellu l-appellant u li, kuntrarjament ghal dak li baqa' jsostni, ma kienx innocenti daqs kemm ipprova juri. Imbaghad fil-kaz ta' Norman Zammit jidher li kien hemm ammissjoni da parti tieghu. Certament ukoll mhuwiex accettabbli ghal din il-Qorti li biex tirriduci sentenza wahda tohloq sitwazzjoni fejn ikun hemm *"two, rather than one, over-lenient penalties"*.[3] Fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li qieset dan kollu, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha rizultanti mill-provi, u wara li rat ukoll il-fedina penali aggornata ta' l-appellant, mhuwiex il-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa sija l-*quantum* kif ukoll il-modalita` tal-piena. Ghalhekk anke l-aggravju dwar il-piena huwa michud.

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.
[3] *Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------